HAL TARXIEN

# Il- laqgħa Nru 47/06 tas-Sitt Leġislatura 2008-2013
# saret nhar
# l-Erbgħa 25 ta' Lulju 2012 fil-5.30pm
# fl-Uffiċċji Amministrattivi
# f'73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ | Sindku |
| Is-Sur F. Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsilliera |
| Is-Sur K. Darmanin | Kunsillier |
| Is-Sur C. Lanzon | Kunsilliera |
| Is-Sinj. L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sur F. Chircop | A/ Segr. Eżekuttiv |

**Assenti:-**

| | |
|---|---|
| Is-Sur I. Dalli | Kunsillier |

## Aġenda:-

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti.
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Hlasijiet.
4. Hatra ta'skrivan/a
5. Approvazzjoni tal-Performance Bonus –P.Pace/ M. Pisani.
6. Applikazzjoni ghad-devoluzzjoni tal-art f'Tal Qala
7. Approvazzjoni tat-Tender No. TLC007/2012-Resurfacing.
8. Rapport mill-Kunsilliera
9. Ħwejjeg oħra.

Għeluq tal-Laqgħa

IS-SINDKU QAL IT-TALBA U PPRESIEDA L-LAQGĦA

1 ***Qari u Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-Minuti tal-laqgħa tas-seduta 46 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew ċirkulati minn qabel.Wara li l-minuti ġew approvati unanimament, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mill- Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Frans Chircop.

Approvazzjoni tal-minuti

***Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)***

2 Is-Sindku Paul Farrugia beda biex spjega li fuq il-progett tal-ERDF ix-xogħol kien miexi tajjeb u gie infurmat li l-kuntrattur kien ga nefaq ammont sostanzjali mis-somma allokata għall dan il-proġett. Għaldaqstant il-kunsill kien talab lid-Dipartiment u lit-Teżor biex jgħaddilna l-ammont li suppost gie allokat taħt din l-istess skema. Min naħa tagħhom il-Kunsill ġie infurmat li bħalissa t-Teżor għandhom ħafna xogħol b'lura. Is-Sindku kompla jispjega li għalissa x-xogħol ser jieqaf sakemm il-kuntrattur jitħallas l-ewwel parti tal-ammont dovut għax ħarġu ħafna flus. Kif il-kuntrattur jitħallas mingħand it-teżor ix-xogħol jitkompla minnufih, xi ħaġa importanti ħafna għax kif spjega s-sindku, jekk ma tintlaħaqx it-"target date"– jista'jkun li nitilfu l-għotja ta' flus allokata għal dan il-proġett.

Fond ital-ERDF

Rigward il-kofinanzjament ta' €44,000 fit-*Tourism project* is-Sindku spjega li bħala dipartiment jafu bil-flus li għandna ningħataw u l-proċeduri finanzjari lesti. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jingħata dan l-ammont fiċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-istess proġett. Is-Sindku Paul Farrugia kompla jinforma lill-Kunsill li l-*feedback* tan-nies fuq il-proġett kien pożittiv ħafna. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia staqsa jekk kif inhu għaddej ix-xogħol fuq il-proġett hux ser jinxtgħel il-bus shelter li hemm biswit l-istess proġett u s-Sindku spjega li minn tiegħu kien hemm maħsub li jinxtgħel flimkien mal-monument li hemm ħdejn l-istage. Il-Kunsilliera Doris Vella qalet li diversi nies faħħru x-xogħol fuq il-proġett, speċjalment it-tip ta' bankijiet li nxtraw u li ntogħġbu ħafna. Is-Sindku qal li kull ma jonqos hija l-Gazebo u nistennew il-MEPA u TM biex ningħataw il-permess ħalli l-bankina mis-salib fil-kantuniera sa quddiem il-lattrina tiġi pavimentata pariġġ il-proġett.

Proġett tat-Turizmu.

Dwar id-devoluzzjoni ta' Luqa road – dan il-progett huwa maqsum fi-tnejn. Is-Sindku spjega li l-Kunsill għandu parti fejn mhux ser isir skavar u fejn ser issir il-*parking area* ser jinqata l- blat.

Proġett finanzjat mil-Housing Authority

Dwar il-PPP, bħalissa l-kuntratturi tat-toroq f'Malta ingħaqdu biex jimportaw l-qatran flimkien u għaldaqstant huwa pjanat li jibda x-xogħol f'Ħal Tarxien lejn l-aħħar t'Awissu.

P.P.P

Rigward il–bandli ta' Misraħ Bulebel – xi ħaġa tal-iskantament, kompla jispjega s-Sindku Paul Farruia, dejjem ikun hemm min ikisser. Huwa personalment kellu jċempel lill Pulizija biex jirrapporta li xi ħadd kisser arblu tad-dawl numru 6 bil-globu b'kollox, f'dawn l-istess bandli.

Bandli f'Misraħ Bulebel.

Bħala xogħol fil-ġnien Joan Garden is-Sindku qal li issa kollox tlesta u kull ma' jonqos huwa li titranġa l-Gazebo biss.

Joan Garden

Rigward Sqaq Santa Marija Nru 1 lest minn kollox u r-rispons tan-nies kien pożittiv ħafna qal is-Sindku. Infatti l-problema hija li kulħadd qiegħed isaqsi meta ser jibda x-xogħol fuq l-isqaqien l-oħrajn. Is-Sindku Paul Farrugia kompla jinforma lill kunsilliera li kellu jibgħat ittra lir-residenti biex ma' jipparkjawx karozzi jqattru ż-żejt minħabba l-ħsara fil-pavimentar li kien għadu kemm tqiegħed. Huwa kompla jgħid li qed jara x'jista'jgħamel fuq il-boroż taż-żibel li jinħarġu jqattru mal-isqaq kollu speċjalment fil-kantunieri.

Sqaq Santa Marija.

Xogħol fil-blokki tal-flats –Skema tal-Housing. Is-Sindku Paul Farrugia qal li d-diversi xogħolijiet li kellhom isiru ħafna minnhom ġa tlestew u x-xogħol miexi ġmielu, pero fi blokk ta' flats minnhom- dak ta' Triq Betta resident għajjar lill wieħed mill-ħaddiema tal-kuntrattur animal għax akkuzah li minflok sewwa l-ħsara kien taqqablu t-tank tal-ilma. Fuq dan l-inċident il-kuntrattur ġie avżat u spjega li peress it-tankijiet tal-ilma fuq il-bjut kienu fuq il-pellets minflok fuq injam ċatt dawn l-istess tankijiet ħadu l-forma u kif poġġewhom fuq injam ċatt l-istess tankijiet ixxaqqu bil-konsegwenza li beda ħiereġ l-ilma. Is-Sindku qal li għalkemm il-kuntrattur m'għandux tort –l-istess kuntrattur offra li jirranġa t-tankijiet tal-ilma bi spejjes għalih. Il-Kunsilliera Doris Vella nfurmat li beda x-xogħol fil-blokka tal-flats tagħhom ukoll, fejn l-ewwel ser ilesti ġewwa mbgħad isiru t-tankijiet tal-ilma fuq il-bejt.

Xogħol tal-Housing.

Rigward il-*Mosquita Device* is-Sindku spejga lill Kunsill li kellna ordni mingħand id-Diretur tal-Kunsilli Lokali biex titneħħa u għaldaqstant fuq parir ukoll mingħand l-avukat tal-Kunsill din ser titneħħa mill-gnien. Is-Sindku qal li sal ġurnata ta'qabel fi Ġnien Ovindoli kien hemm xi grupp ta'xi ħamsin żgħażugħ jilgħabu f'dan il-ġnien. Għaldaqstant is-sindku spejega li ġie mitlub biex jinfetaħ il-grawnd tal-futball fejn dawn l-istess zgħazagħ ikunu jistgħu jilgħabu. Kompla jgħid li dak il-ħin stess kellu jwaqqafhom milli jilgħabu bir-rota għax l-istorbju kien esaġerat. Għaldaqstant jittama li ma jkunx hemm aktar ħsarat apparti l-istorbju li jgħamlu.

Mosquito Device.

Il-Kunsill kien irċieva mingħand l-Ombudsman fid-9 ta'Lulju biex l-eks segretarju is-Sur Maurcie Mallia jitħallas il-paga li kien għad għandu jieħu, dan il-pagament ser jidħol fl-iskeda tal-pagamenti t'Awissu peress li l-pagi ta'Lulju kienu ġa nħaddmu mill-accountant tal-Kunsill.

Kaz tal-eks segretarju.

It-tender tar-Road Resurfacing għadha f'idejn il-perit u għaldaqstant il-Kunsill għadu ma' ingħatax il-parir fuq l-għazla tal-istess tender.

Road Resurfacing

Rigward iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-ftuħ tax-xelter tal-gwerra ġie deċiż li tintbgħat kopja tal-programm lill Onorevoli Jason Azzopardi.

Cerimonja tal-inawgurazzjoni tax-Xelter tal-Gwerra.

Tagħmir ta'sorveljanza –*Cameras.* Is-Sindku spjega lill Kunsilliera li kien ġa ħa ħsieb jiġbor stimi għall tagħmir ta'sorveljanza biex jeħlu fuq il-proġett tal-ERDF, pero billi fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien hemm suġġeriment biex nikkonsidraw li jsir fencing mad-dawra kollha minflok dawn l-istess cameras huwa talab lis-segretarju biex jinġabru kwotazzjonijjiet għal dan ix-xogħol. Is-Sindku Paul Farrugia qal li kien mistieden għall-inawgurazzjoni tal-bandli f'Wied il-Għajn, fejn twaħħlu 5 cameras. Hanhekk il- Viċi Sindku, Frans Agius qal li aħjar issir prevenzjoni milli *cameras* u l-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li għalkemm huwa jippreferi li jsir fence madwar il-proġett il-Kunsill ikollu l-problema min ser jiftħu u jgħalqu kull filgħodu u filgħaxija. Wara diskussjoni qasira l-Kunsilliera Doris Vella qalet li minkeja li taqbel li jsir fence l-ħin li jingħalaq għandu jkun itwal mil-ħdax ta'filgħaxija għax taf familji li ġa bdew jiffrekwentaw il-post li jgħamlu sas-siegħa ta'filgħodu hemm, speċjalment issa fis-sħana tas-sajf. Keith Darmanin qal li nqabbdu kumpanija tas-sigurta jieħdu ħsieb jiftħu u jgħalqu is-sit. Għaldaqstant ġie deċiz li għalissa niġbru wkoll stima tal-fencing u aktar il-quddiem naraw u tittieħed deċizjoni x'l-aħjar isir.

Sorveljenza fuq il-progett.

Is-Sindku spjega li wara diversi drabi li nqata' id-dawl f'Ħal Tarxien, irriżulta li diversi bozoz tat-toroq madwar Ħal Tarxien kollu li ma' baqgħux jixgħelu aktar. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill kunsilliera li talab lill engineer tad-dawl biex jara x'ġara għax għandna fanali li ma' xegħelux izjed u qed jissuspetta li l-linji tad-dawl tal-Enemalta ġratilhom il-ħsara u mhux il-bozoz speċjalment fl-akwata tal-Berġa.

Hsara minhabba qtugh ta' dawl.

Is-Sindku Paul Farrugia kompla jispjega li dalgħodu ġie kuntrattur imqabbad minn Transport Malta, ġewwa l-Kunsill fejn talab permess biex jibda x-xogħol ta'rampi għal-persuni b'diżabilita fi Triq Kurunell Mass. Is-Sindku spjega li dakinhar stess li saret it-talba tax-xogħol mill-kummissjoni b'diżabilita, intalab il-kuntrattur biex jibda x-xogħol tar-rampi li kienu eżistenti. Paul Farrugia fakkar li fi żmien l-Onorevoli Jesmond Mugliet kienu saru dawn ir-rampi imma issa nbidlu l-istandards u qed isiru bil-madum speċjali għal nies bi bżonnijiet speċjali. Xogħol fi Triq Kurunell Mass

4 **Interviews ta'skrivana part-time.** Hatra ta'skrivana.

Is-Sindku qal li kien hemm ħafna applikanti għal-post vakanti u wara li s-segretarju għamel short-listing ta'dawk li applikaw saru diversi interviews. Min dawn li ġew intervistati kien hemm tnejn li ntgħażlu - waħda kellha esperjenza ta'xogħol fil-bank u l-oħra kellha seba' snin esperjenza fil-Kunsill Lokali tal-Iklin. Għaldaqstant kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera kollha li għanda tintgħażel is-Sinjura Isabel Formosa – propjament minħabba li ġa kellha l-esperjenza u taf ix-xogħol tal-Kunsill.

Sovratendenza tal-Patrimonju Kulturali. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill Kunsill li irċevejna ittra mingħand is-Sovratendenza tal-Patrimonju Kultura li appena jkun ser jibda x-xogħol fuq pavimentar ġdid fejn il-blokki tal-housing f'Luqa Road, għandhom jiġu nfurmati u min naħa tagħhom jibgħatu *inspector* biex jissorvelja x-xogħol li jkun għaddej. Xogħol f'Luqa Road.

Is-Sindku spjega wkoll li l-kunsill irċieva email promozzjonali biex jinxtraw kotba ta'kultura fuq l-istorja Maltija u l-konnessjoni ta'Malta mal-ordni ta'San Ġwann. Il-kotba li huma *hard bound* u jiġu f'kaxxa jiswew €15 il-wieħed u billi jkunu ta' souvenir sabiħ biex jiġu preżentati mill-Kunsill fid-diversi okkażjonijiet li jkollu ġie deċiz li jinxtraw għaxra. Xiri ta'kotba.

Bring in-sites. Is-Sindku Paul Farrugia spjega li għall-darba oħra kien hemm diversi lmenti mingħand residenti li l-bring-in-sites qed jiġu abbużati u fihom u madwarhom qed tispiċċa miżbla. Huwa wera l-inkwiet tiegħu li jekk ser nibqgħu sejrin hekk il-Kunsill ma'jkollux għażla oħra ħlief li jneħħihom. Bring-In-Sites.

## *Korrispondenza.*

Korrispondenza.

Laqgħa taż-żagħażagħ. Il-Kunsill Lokali taż-żgħażagħ reġa' talab biex il-Kunsill ta'Ħal Tarxien nissieħbu fi proġett ieħor li jinvolvi ammont sostanzjali ta'flus. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill b'mod unanimu qabel li mhux ser jipparteċipa. Il-Kunsillier Keith Darmanin qal li ma' kienx hemm komunikazzjoni tajba f'esperjenzi ta' qabel u fid-dawl tal-ispejjes li qed jiffaccja l-Kunsill bħalissa jaqbel li tingħata prijorita f'oqsma oħra.

Devoluzzjoni tal-art.

Devoluzjoni tal-art magħrufa bħala tal-Qala. Is-Sindku Paul Farrugia spjega kif bħala Kunsill hemm il-ħsieb li l-kunsill jitlob id-devoluzzjoni ta' biċċa art magħrufa bħal tal-Qala u għal dan il-għan flimkien mas-segretarju qed jitħejja business plan ħalli flimkien mall-applikazzjoni jintbgħat lid-dipartiment konċernat biex b'hekk jibda l-process meħtieġ. Tħejja draft tal-business plan liema kopja ingħatat lill kunsilliera biex jgħatu l-opinjoni tagħhom f'dan ir-rigward.

Lista ta'Toroq li ma'sarux.

Lista ta' Toroq li ma' sarux. Is-Sindku nforma lill Kunsill li konna rċevejna ittra mingħand id-Direttur tat-Toroq u Infrastruttura – Sur Simon Grima fejn talab lista ta'toroq li qatt ma ġew mgħotija wiċċ ġewwa Ħal Tarxien. Huwa spjega li ingħataw l-ewwel tlitt ismijiet ta'toroq li kienu ġew imwgħeda u suppost tlestew sa l-aħħar tas-sena 2008 – Triq Birżebbugia, Palm Street u Żejtun Road kif ukoll żidna zewġ toroq oħra li qatt ma'sar xogħol fiehom- Triq San Franġisk kantuniera ma' Triq l-Arkata li hija kollha mibnija u Triq Moira Mintoff- ħdejn il-Kulleġġ San Benedittu li bejn wieħed u ieħor hemm 70% mit-triq mibnija.

Skeda tal-hlasijiet.

**Rapport tal-Kunsilliera.**

**Lawrence Bonavia.** Il-Kunsillier Lawrence Bonavia spjega li attenda laqgħa u li wisq probabbli l-Kunsill ser jingħata materjal edukattiv biex jintuza'fiċ-Ċentru Komunitarju ta' Ħal Tarxien.

**Frans Agius**. Il-Viċi Sindku Frans Agius qal li kellu laqgħa tad-Dipartiment tal-konsumatur li għaliha ma'attenda ħadd avolja kien qassam leaflets fid-djar. Minkejja dan, Frans qal li huwa baqa' f' kunntatt mas-sinjura Josette Borg biex tagħmel għoxrin minuta f xi laqgħa oħra li fil-futur tkun organizzata mill-istess Kunsill.

Huwa kompla jgħid li kienu applikaw ħamsa biss għal-laqgħa tal-kors tal-volontarjat u għaldaqstant dan l-istess kors baqa ma' bediex.

Il-Vici Sindku Frans Agius qal li attenda għal-laqgħa tat-Tourism Culture li kienet interessanti għax involviet dawk kollha involuti fis-settur tat-turiżmu. L-iskop kien li l-ewwel ikollna prodott imbgħad nipprovaw inbiegħuh. Kellhom enfasi kbir fuq sinjali li jindikaw il-postijiet ta'nteress fil-lokalitajiet madwar Malta kollha. Huwa kompla jgħid li bħalissa t-turiżmu għandhom ħafna student barranin li parti mix-xogħol li ġew imqabbda jgħamlu huwa li jduru diversi postijiet madwar Malta u Għawdex u jirrappurtaw x'sabu. Frans Agius kompla jgħid li ġew propjament f'Raħal Ġdid għax f'Ħal Tarxien ma'kienx hemm indikazzjonijiet ċari. Min naħa l-oħra Frans qal li l-istudenti irrapportaw li f'Ħal Tarxien, in-nies kienu mill-akar *helpful* għax meta staqsew rigward it-tempji sabu mara li ħadithom fuq il-post hija stess. Kompla jgħid ukoll li meta l-istess studenti ġew il-Kunsill isaqsu fuq postijiet ta' interess – l-impjegati ma' kienux ta' għajnuna kbira u meta staqsew fuq postijiet ta' interess ingħataw ktieb "four Walks" bla ħlas. Hawnhekk is-Sindku Paul Farrugia kompla jgħid li fil-Kunsill kien ġie wieħed mill-Awstralja u ingħata ktieb ieħor b'xjen u meta rritorna lura l-Awstralja faħħar dan il-ġest. Il-Vici Sindku Frans Agius għalaq billi qal li l-haddiema tal-Kunsill ma'tantx huma nfurmati tajjeb fuq x'joffri Ħal Tarxien.

**Keith Darmanin** –Il-Kunsillier Keith Darmanin spjega li għas-sessjoni tal- Aerobics li ser tiġi offruta mill-Kunsill b'xjen għar-residenti ta' Ħal Tarxien kull ma' kienu applikaw kienu ħamsa biss s'issa. Huwa kellem lill għalliema ta'dan il-kors li għalkemm l-attendenza tidher fqira xorta waħda għandu jsir l-ewwel sessjoni ħalli n-nies tkun aktar konxja u forsi l-quddiem –fix-xitwa jattendu aktar.

Fuq in-neighbourhood watch, il-Kunsillier Darmanin qal li tqassmu iċ-ċertifikati f'Jum Ħal Tarxien. Huwa spjega wkoll li kellu laqgħa maz-zgħazagħ flimkiien mas-Sindku Paul Farrugia fuq in-neighbourhood watch ġewwa l-youth centre Il-Kunsillier Darmanin qal ukoll li kellu laqgħ mall-Pulizija biex jiġu nfurmati jekk ikun hemm xi każijiet ta'frodi u abbuż ta'droga f'Ħal Tarxien.

**Doris Vella.** –Il-Kunsilliera Doris Vella spjegat li hija organizzat ħarġa f'Għawdex fil- 5 ta'Lulju 2012. Huma marru r-Rabat Għawdex u Marsalforn fejn kellhom attendenza tajba ħafna. Hija qalet li din id-darba l-ħarġa rnexxiet ħafna, tant li l-ewwel darba li ma' kien hemm tgergir ta' xejn. Il-Kunsilliera Doris Vella kompliet tgħid li l-ħarġa li jmiss hia dik li tiġi organizzata fil-Vitorja, fejn dakinhar hemm il-ġsieb li jżuru postijiet differenti bħal-Isla, Naxxar u l-Mellieħa.

**Claudine Lanzon**– Il-Kunsilliera Claudine Lanzon qalet li ma'kellha xejn x'tirraporta.

**Sindku Paul Farrugia**- Is-Sindku Paul Farrugia qal li dan ix-xahar kellu attivita fir-Rainbows Club ġewwa Ħal Tarxien stess minħabba s-sħana li qed taħkem il-gżejjer Maltin. Dan wara li n-nies talbuh biex għas-sajf ma'joqgħodux jmorru ħarġiet il-bogħod.

Il-laqgħa spiċċat fis- 7.45 u ġiet aġġornata għal nhar it-tlieta 28 t'Awissu 2012 fil-5.30pm. Għeluq.

**Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ**
**Kav u Sindku**

**Frans Chircop**
**A/ Segretarju**